MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 533/1999/1

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Anthony Abela**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Anthony u Angela konjugi Abela fejn ippremettew:-

Illi l-Kontrollur intimat talab u ottjena l-hrug ta` mandate ta` qbid ezekuttiv, numru 326/99NS tat-28 ta` Jannar 1999, versu l-ammont ta` erbat elef didsa` mija u ghoxrin lira maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm4920.77) u

ghaxar liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm10.75) spejjez;

Illi l-intimat iggustifika l-mandat billi ddikjara fl-istess illi kellu *“titolu ezekuttiv skond l-artikolu 253 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili liema titolu gie kostitwit bil-kuntratt ta` l-10 ta` Novembru 1994 numru 457, fl-atti tan-nutar tal-Gvern u hawn anness u mmarkat bhala Dok B”;*

Illi l-mandat ta` qbid ezekuttiv sucitat mhux validu u nhareg minghajr titolu u abusivament u ghalhekk l-esponenti jinvokaw id-drittijiet taghhom taht l-artikolu 283A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili sabiex dan l-istess Mandat jigi revokat totalment;

Illi preliminarjament l-ezekuzzjoni tal-mandat citat saret abusivament u b`mod invalidu ghaliex il-mandat inhareg kontra l-esponent Anthony Abela biss filwaqt li bil-Mandat inqabdu oggetti li huma proprjeta` tal-konjugi Abela solidalment, u ghalhekk il-mandat in kwistjoni ghandu jigi revokat;

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-mertu l-esponenti jirrilevaw illi fil-kaz odjern ma jissussistux ir-rekwiziti ta` titolu ezekuttiv taht l-istess artikolu 253, u dan in vista tal-fatt li l-kuntratt pubbliku ccitat ma jikkrreja ebda debitu cert likwidu u dovut, u ghalhekk ma gie kostitwit l-ebda titolu ezekuttiv u l-mandat in kwistjoni inhareg abusivament u minghajr titolu fil-Ligi;

Illi l-kuntratt pubbliku ta` l-10 ta` Novembru 1994 iccitat mill-intimat fl-ebda klawsola ma jikkreja debitu <u>likwidu</u> izda biss semmai isiru riferenzi ghal xi klawsoli estranji ghall-istess kuntratt u li ma jirrizultax li gew annessi mal-kuntratt; lanqas ma jikkreja debitu <u>cert u dovut</u> ghaliex minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad illi kwalsiasi klawsola li tippostula debitu hija biss kondizzjonali;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti joghgobha, previa d-dikjarazzjonijiet mehtiega dwar l-inezistenza ta` titolu ezekuttiv kif fuq elaborat, thassr tirrevoka u tannulla

l-mandat ta` qbid ezekuttiv numru 326/99 NS mahrug fit-28 ta` Jannar 1999 ai termini ta` l-artikolu 283A tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili ghar-ragunijiet suesposti;

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana fejn gie sottomess :-

1. Illi preliminarjament il-kuntratt datat 10 ta` Novembru 1994 kien iffirmat minn Joseph Bonello bhala mandatarju ta` Anthony Abela u martu, kif jidher mill-prokura datata 16 ta` Settembru 1994, u ghalhekk, Angela Abela mart l-intimat intrabtet bl-obbligi naxxenti mill-kuntratt, daqskemm intrabat zewgha;

2. Illi barra min dan, l-ipoteka generali naxxenti mill-kuntratt torbot ukoll sehem Angela Abela mill-komunjoni tal-akkwisti, u dan kif jidher mill-kuntratt, u ghalhekk, meta l-mandat ta` qbid kien ezegwit a bazi tat-titolu ezakuttiv akkwistat bil-kuntratt, dan gie ezegwit korrettement kontra assi tal-komunjoni ta` l-akkwisti. Ghalhekk il-mandat huwa validu ghall-fini u l-effetti kollha tal-ligi u l-ezekuzzjoni tieghu saret skond il-ligi u minghajr l-ebda abbuz;

3. Illi l-ammont dovut mill-intimat huwa cert likwidu u dovut. Id-definizzjoni ta` certezza skond il-Bianca hija s-segwenti:

“ ... la certezza del debito, intesa anzitutto nel senso che deve trattarsi di rapporti non condizionali, e precizamente di rapporti non derivanti da negozi soggetti a condizione sospensiva. Certezza vuol dire anche determinatezza dei rapporti sia per quanto riguarda le ersone dei titolari, sia per quanto ruigurada l`oggetto: deve cioe` trattarsi di rapporti la cui determinazione non sia rimessa all`esercizio di poteri discrezionali o a fattori obiettivamente incerti”.

F`dan il-kaz, il-kuntratt huwa car. Jekk il-persuna ma tottemporax ruhha mal-obbligi naxxenti mill-istess kuntratt, trid thallas parti mill-paga li rceviet lura, bhala hlas li sar indebitament, u dan skond kemm kien twil il-perjodu li

ghamlet fl-impjieg mal-Gvern wara li temmet l-istudji. M`hemm l-ebda kundizzjoni imposta fuq il-hlas u lanqas xi diskrezzjoni ezercitabbli minn xi awtorita';

4. Illi d-definizzjoni ta` likwidita` skond l-istess Bianca hija s-segwenti:

“ la liquidita` del debito, ossia la determinatezza del loro ammontare. Il debito e` liquido, precisamente, quando il suo ammontare e` determinato o determinabile mediante operazioni di mero conteggio aritmetico”.

F`dan il-kaz, is-somma hija likwida gahliex bhala impjegat tal-Gvern, l-intimat huwa tenut li jaf x`inhuma r-regolamenti dwar l-impjieg mal-Gvern f`kaz ta` kuntratti ta` studju barra mill-pajjiz, u kemm huwa kif ukoll l-esponent jafu kemm kien l-ammont li r-rikorrent thallas in konnessjoni ma` l-istudji in kwistjoni. L-intimat innifsu didkjara fil-kuntratt li jaf x`inhu l-kontenut ta` dawn ir-regolamenti, u dan fi klawsola (b) tal-kuntratt, u ghaldaqstant b`din id-dikjarazzjoi, dawn ir-regolamenti saru parti mill-kuntratt u kundizzjoni ohra li maghha kellu jottempora ruhu l-intimat. Is-somma mitluba tinhadem b`somma aritmetika semplici hafna, soknd l-ammont ta` paga mhallas waqt il-perjodu ta` studju, u skond it-tul ta` zmien li l-intimat dam fl-impjieg mal-Gvern, liema perjodu hu maghruf kemm mill-esponent kif ukoll mill-intimat;

5. Illi rigward il-fatt li d-dejn hu dovut, il-Bianca jiddefinixxi dan billi jghid:

“ ….. il debito e` esigibile, che cioe` sia scaduto il termine di pagamento e che non sussistono altri impedimenti giuridici all`esercizio delle pretesa creditoria”.

F`dan il-kaz m`hemm l-ebda impediment bhala dan fuq il-hlas tas-somma in kwistjoni;

6. Illi ghaldaqstant, il-mandat ta` qbid imsemmi fir-rikors pormutur inhareg regolarment fuq titolu ezekuttiv miksub skond il-ligi, u l-ezekuzzjoni tieghu saret ukoll regolarment

u minghajr l-ebda abbuz, u ghalhekk il-mandat m`ghandux ikun revokat;

Ghalhekk il-Kontrollur tad-Dwana talab li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti Anthony P. Abela;

Semghet lill-istess rikorrenti Anthony P. Abela in esami u in kontro-esami;

Semghet ix-xhud prodott mill-intimat Kontrollur tad-Dwana;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat Kontrollur tad-Dwana;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Anthony u Angela konjugi Abela fir-rikors promotur taghhom jghamlu referenza ghal mandat ta’ qbid esekuttiv, numru 326/99NS, li l-intimat Kontrollur tad-Dwana ottjena kontra taghhom fit-28 ta` Jannar 1999 u dana ghall-ammont ta` erbat elef didsa` mija u ghoxrin lira maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm4920.77) u ghall-ammont ta’ ghaxar liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm10.75) bhala spejjez. L-imsemmi mandat gie ottjenut a bazi ta’ titolu ezekuttiv skond l-artikolu 253 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u liema titolu hu naxxenti minn kuntratt pubbliku tal-10 ta` Novembru 1994 fl-atti tan-nutar tal-Gvern;

L-istess rikorrenti jsostnu li l-imsemmi mandat ezekuttiv mhux validu u gie ottjenut abusivament. Fl-ewwel lok, skond ir-rikorrenti, l-ezekuzzjoni tal-mandat in kwestjoni saret abusivament peress li l-mandat inhareg kontra r-rikorrenti Anthony Abela biss meta bl-istess mandat gew maqbuda oggetti li huma proprjeta` tal-konjugi Abela. Fil-

meritu r-rikorrenti jippremettu li ma jissussistux ir-rekwiziti ta` titolu ezekuttiv ai termini tal-imsemmi artikolu 253 peress li l-kuntratt pubbliku in kwestjoni ma jikkrreja ebda debitu cert likwidu u dovut, u ghalhekk ma gie kostitwit l-ebda titolu ezekuttiv;

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti qed jitolbu li l-imsemmi mandat ta’ qbid esekuttv jigi mhassar u revokat;

Fir-risposta tieghu l-intimat Kontrollur tad-Dwana jissottometti preliminarjament li r-rikorrenti Angela Abela hi parti fil-kuntratt pubbliku in kwestjoni u ghalhekk l-istess rikorrenti Angela Abela hi vinkolata mill-obbligi naxxenti mill-istess kuntratt. Inoltre l-ipoteka generali relattiva torbot ukoll sehem l-istess Angela Abela mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk il-mandat gie ezegwit korrettement;

L-istess intimat ikompli jissottometti li l-ammont in kwestjoni hu cert likwidu u dovut u f’dan ir-rigward il-kuntratt huwa car u cioe jekk il-rikorrenti ma jottemperawx mal-obbligi minnhom assunti, huma ghandhom iroddu lura parti mill-paga li thallset lir-rikorrenti u dan skond il-perjodu li r-rikorrenti Anthony Abela ghamel fl-impjieg mal-Gvern wara li temm l-istudji. Inoltre s-somma hija likwida gahliex ir-rikorrenti hu konsapevoli ta’ x`inhuma r-regolamenti f’dan ir-rigward u ghalhekk jaf kemm kien l-ammont li huwa thallas in konnessjoni ma` l-istudji tieghu u kemm hu l-ammont li ghandu jrodd lura. Skond l-intimat l-ammont hu ukoll dovut u m`hemm l-ebda impediment legali ghar-rigward tal-hlas tas-somma in kwistjoni. Ghalheek l-intimat jissottometti li l-mandat esekuttiv in kwestjoni nhareg regolarment fuq titolu ezekuttiv miksub skond il-ligi, u l-ezekuzzjoni tieghu saret ukoll regolarment u minghajr l-ebda abbuz;

Jidher li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza. Bl-imsemmi kuntratt tal-10 ta’ Novembru 1994 ir-rikorrenti Anthony Abela, li dak iz-zmien kien impjegat pubbliku, inghata “paid study leave” biex imur jistudja barra minn Malta. Bl-istess kuntratt, l-istess rikorrenti ntrabat li jibqa fis-servizz pubbliku ghal

numru ta snin wara li jispicca l-imsemmija studji tieghu. Fin-nuqqas huwa kellu irodd lura ammont li kellu jinhadem skond is-snin li fihom huwa ma baqax fl-istess servizz pubbliku;

Il-partijiet jaqblu li l-imsemmi rikorrenti Abela rrizenja mill-impieg tieghu mal-Gvern ferm qabel ma skada t-terminu miftiehem u li fih huwa kellu jibqa fis-servizz pubbliku. In vista ta’ dawn il-fatti l-intimat Kontrollur tad-Dwana qed jippretendi li r-rikorrenti konjugi Abela ghandhom ihallsu l-penali skond il-kuntratt imsemmi;

Jidher li r-rikorrenti mhux qed jikkontestaw il-fatt “per se” li huma obbligati, ai termini tal-att pubbliku in kwestjoni, li jhallsu lura l-ammont li qed jitlob l-intimat Kontrollur tad-Dwana. Huma jikkontestaw il-hrug tal-mandat ta’ qbid esekuttiv in kwestjoni u l-esekuzzjoni tal-istess mandat;

Fl-affidavit tieghu, u meta xehed in kontro-esami, r-rikorrenti Anthony P. Abela ma ghamel l-ebda referenza ghal dak li huwa u r-rikorrenti l-ohra martu Angela Abela ppremettew fir-rikors promotur taghhom. In effett ir-rikorrenti Anthomy Abela jghid li huwa rrizenja mis-servizz pubbliku peress li ma kienx hemm prospetti li ser javanza. Huwa qal li jhoss li t-talba ghal hlas tal-intimat hi ngusta u skorretta peress li meta kien impjegat statali sofra ngustizzji fl-ghoti ta` promozzjonijiet u kien f’dipartiment fejn ma kellux ghodda beix jadhem b`mod efficjenti u effettiv. Huwa jsostni ukoll li sofra  minn diskriminazzjoni u li kien hemm hela ta’ rizorsi f`diversi oqsma. Huwa jghid li biex ghamel u temm l-istudji tieghu huwa ghamel sagrificcji mentali u finanzjarji pero’ dawn sfaw fix-xejn, ghaliex inghata l-istess xoghol li kien jghamel qabel ma beda l-istudji tieghu. Huwa qal li jhoss li l-Estacode huwa antikwat u ghandu bzonn jgii aggornat u jghid ukoll li t-talba tal-intimat hi ngusta fil-konfront tieghu peress li huwa kull ma ghamel kien li tejjeb il-posizzjoni tieghu u kien il-Gvern li ma gharafx jisfrutta id-doti godda tieghu;

Dak kollu li qal l-imsemmi rikorrenti hu ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta dawn il-proceduri. Il-kwestjoni li trid tigi deciz hi jekk il-mandat esekuttiv in kwestjoni giex

ottjenut abusivament u jekk l-eskuzzjoni tal-istess mamdat kienitx irregolari skond kif hemm premess fir-rikors promotur;

Fl-ewwel lok mill-kuntratt relattiv jirrizulta li ir-rikorrenti Angela Abela kienet parti fl-istess kuntratt u inoltre l-istess rikorrenti tat garanzija b'ipoteka generali tal-beni taghha ghar-rigward tal-ammont li issa qed jippretendi l-intimat u konsegwentement ma hemm xejn irregolari li permezz tal-mandat in kwestjoni nqabbdu oggetti li japparjenu lill komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Abela;

Barra minn hekk hu ovvju li r-rikorrenti kienu jafu bil-kontenut tal-kuntratt u bir-regoli tal-Estacode li ghalihom hemm referenza fl-istess kuntratt. Ghalhekk ir-rikorrenti huma ben konsapevoli mill-fatt li huma ghandhom iroddu lura parti mill-ammonti kollha li thallsu lir-rikorrenti mil-Gvern waqt li r-rikorrenti Anthony Abela kien qed isegwi l-istudji tieghu barra minn Malta u dana stante li l-istess rikorrenti rresenja mill-impieg tieghu mal-Gvern qabel ma ghadda t-terminu kollu miftiehem f'dan ir-rigward fl-istess kuntratt;

Skond l-istess kuntratt u l-Estacode s-somma effettivament li trid tigi rifusa mir-rikorrenti lill-Gvern ghandha tinhadem fuq kalkolu semplici matematiku bbasat fuq kemm thallsu r-rikorrenti u s-snin li ma hadimx ir-rikorrenti Anthony Abela skond kif stipulat fl-istess kuntratt;

Ma jirrizultax li hemm xi impediment legali sabiex isir il-hlas li qed jesigi l-intimat Kontrollur tad-Dwana. F'dan ir-rigward ma jirrizultax li kien hemm xi terminu stipulat li ghadu ma skadix sabiex isir dan il-hlas;

Ghalhekk jirrizulta sufficjentement li d-debitu in kwestjoni hu wiehed cert, likwidu u dovut u li l-mandat in kwestjoni gie ottjenut regolarment u ma kien hemm xejn abusiv fl-esekuzzjoni tieghu. Konsegwentement l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat jimmeritaw li jigu akkolti filwaqt li t-talbiet kollha tar-rikorrenti jisthoqqilhom li jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Kontrollur tad-Dwana u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti konjugi Abela;

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------